**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 243/12 AL

**A B**
**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 477/1994)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Mejju, 1994.*

2. *Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 3 t'April, 2008 in atti Nutar Dottor John Spiteri (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A').*

3. *Illi ai termini tal-imsemmi kuntratt il-proprjeta' immobbli konsistenti fl-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali disgha (9) fi Triq il-X X,*

[1] Fol. 1.

*Naxxar flimkien mal-arja sovrastanti l-imsemmi appartament baqghet komuni bejn iz-zewg kontendenti.*

4. *Illi konsegwentament il-kontendenti huma komprorjetarji f'ishma ta' nofs indiviz kull wiehed tal-fuq imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru uffucjali disgha (9) fi Triq il-X X, Naxxar flimkien mal-arja sovrastanti l-imsemmi appartament.*

5. *Illi, oltre dan, il-kontendenti huma komproprjetarji wkoll f'ishma ta' nofs indiviz kull wiehed tal-mobbli kollha u kull m'hemm mill-bieb 'il gewwa (salv għal oġġetti personali) fil-fuq imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali disgha (9) fi Triq il-X X, Naxxar.*

6. *Illi r-rikorrenti ma tridx li tibqa' komproprjetarja mal-intimat tal-fuq imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali disgha (9) fi Triq il-X X, Naxxar u tal-oggetti mobbli kollha illi hemm go fih mill-ghatba 'l gewwa.*

7. *Illi in segwitu ghall-iffirmar tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, il-kontendenti kienu regghu bdew jghammru flimkien ghal xi zmien (ghalkemm issa huma mifrudin).*

8. *Illi pero l-kontendenti qatt ma ffirmaw ebda kuntratt pubbliku biex ihassru s-separazzjoni legali li kienu diga kkonkludew bejniethom a tenur tal-fuq imsemmi kuntratt.*

9. *Illi ghaldaqstant a tenur tal-artikolu 64 tal-Kodici Civili bil-fatt illi l-kontendenti regghu bdew jghammru flimkien effettivament huma regghu nghaqdu mill-gdid b'mod illi l-obbligi li gejjin miz-zwieg tal-ghajxien flimkien u tal-manteniment regghu dahlu fis-sehh izda l-effetti l-ohra kollha tal-firda – inkluz il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti – baqghu fis-sehh peress illi, kif fuq inghad, ma sar ebda kuntratt pubbliku biex ihassar il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li kienu ffirmaw il-partijiet precedentement.*

10. *Illi sussegwentament il-kontendenti regghu infirdu bhala stat ta' fatt u dan minhabba sevizzi, ingurji u mohqrija perpetrati mill-intimat illi ghalkemm ghandu 47 sena ghad ghandu problema ta' dipendenza mid-droga u l-alkohol u diehel u hiereg jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni li pero sal-lum qatt ma wasslu ghar-rikoveru komplet tieghu.*

11. *Illi inhabba fl-agir tal-intimat ir-rikorrenti kienet kostretta li, flimkien mal-iben minuri D B illi twieled fit-12 ta' Lulju, 1996 u llum ghandu sittax-il (16) sena, titlaq mill-fond flat 3, 'X', 9, Triq il-X X, Naxxar fejn hija kienet tghammar flimkien mal-intimat u ssib rifugju fejn tista'.*

12. *Illi l-intimat effettivament ma jahdimx anke minhabba l-problema ta' dipendenza fuq id-droga u l-alkohol.*

13. *Illi r-rikorenti inizjat procedure ta' medjazzjoni izda dawn gew maghluqa minghajr ebda rizultat ta' xejn u ghalhekk l-attriċi kienet kostrett illi tipprocedi b'din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti-:*

(i) *Prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega u necessarja, tippronunzja l-firda tal-partijiet ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi sabiex b'hekk l-obbligi tal-ghajxien flimkien u tal-assistenza naxxenti mill-fatt illi l-kontendenti kienu regghu bdew jghammru flimkien wara li huma kienu sseparaw legalment jigu dikjarati xolti u terminati;*

(ii) *Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati ghall-firda mill-gdid tal-kontendenti minhabba ingurji gravi u/jew minacci u/jew theddid u/jew sevizzi minu perpetrati, u dan a tenur tal-artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(iii) *Taffida l-kura u kustodja tal-minuri D B ta' sittax-il (16) sena lir-rikorrenti filwaqt li tistabbilixxi l-granet, hinijiet u modalita' ta' access ezercitabbli mill-intimat tenendo kont tal-ezigenzi u x-xewqat tal-istess minuri, tenut kont ukoll tal-eta' u l-maturita' tieghu;*

(iv) *Tiffissa dik ir-retta alimentary illi l-intimat huwa obbligat li jhallas lir-rikorrenti ghaliha nnifisha u ghall-iben minuri D B;*

(v) *Tikkundanna lill-konvenut, in vista, tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, sabiex il-manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti jithallas permezz ta' lump sum payment f'pagament wiehed mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbli imsemmija izjed 'l isfel f'dawn it-talbiet;*

(vi) *Tiddikjara ghal kull bwon fini illi l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appatamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficcjali X fi Triq il-X X, Naxxar m'ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti;*

(vii) *Tiddikjara illi r-rikorrenti u l-intimat huma komprorpjetarji f'ishma ndaqs bejniethom tal-fuq imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali X fi Triq il-X X, Naxxar u tal-oggetti mobbli kollha illi hemm gol-imsemmi appartament mill-ghatba 'l gewwa;*

(viii) *Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha d-dritt illi ma tibqax fi stat ta' komproprjeta' mal-intimat tal-fuq imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali X fi Triq il-X X, Naxxar u tal-oggetti mobbli kollha illi hemm gol-insemmi appartament mill-ghatba 'l gewwa;*

(ix) *Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, illi l-fond urban ossija l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartament bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali X fi Triq il-X X, Naxxar mhuwiex komodament divizibbli;*

(x) *Konsegwentament tornda l-bejgh in licitazzjoni tal-imsemmi fond urban ossija l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali X fiq Triq il-X X, Naxxar bil-partecipazzjoni ta' oblaturi barranin a tenur tal-artikolu 517 tal-Kodici Civili u tordna li r-rikavat minn tali bejgh jinqasam bejn iz-zewg kontendenti f'ishma ndaqs bejniethom b'dan li mis-sehem spettanti lill-intimat titnaqqas dik is-somma li tigi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti bhala lump sum*

*payment in linea ta' manteniment b'konsegwenza tat-talba numru (v) supra; u*

(xi) *Taqsam, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi l-oggetti kollha mobbli illi hemm fil-fuq imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) tal-blokk t'appartamenti bl-isem 'X' u bin-numru ufficjali X) fi Triq il-X X, Naxxar f'zewg porzjonijiet ta' valur ugwali u tassenja porzjon minnhom lir-rikorrenti u porzjon iehor lill-intimat, salv kull hlas ta' ekwiparazzjoni fi flus f'kaz illi tali oggetti mobbli ma jkunux jistgu jinqsmu f'zewg porzjonijiet perfettament ugwali.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B, fejn eċċepixxa:[2]

1. *Illi l-eccipjent ma jopponix ruhu ghat-talba (i). Illi l-eccipjent pero joponi ruhu ghat-talba (ii) stante li kienet l-istess attrici hatja tal-firda mill-gdid.*

2. *Illi l-eccipjen ma jopponix ruhu ghat-talba (iii) purche jinghata access xieraq ghall-imsemmi minuri.*

3. *Illi dwar it-talba (iv) l-eccipjent huwa fl-impossibilta fizika li bhalissa jhallas xi forma ta' manteniment ghal ibnu D. Dwar it-talba ghal hlas ta' manteniment lill-attriċi din hija nsostenibbli sija ghaliex il-partijiet kienu ftehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni esebit mill-attrici bhala Dok. A li had minnhom ma jircievi manteniment minghand il-parti l-ohra (klawsola 6) u qablu wkoll li t-termini ta' dak il-kuntratt ma jistghux jigu modifikati (klawsola 17); sija ghaliex fi kwalunkwe kaz l-attrici iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha; u sija ghaliex fi kwalunkwe kaz l-eccipjent huwa fl-impossibilta fizika li jhallas ebda forma ta' manteniment filwaqt li l-attrici ghandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha.*

4. *Illi t-talba numru (v) hija nsostenibbli sija ghaliex l-attrici m'ghandhiex dritt tircievi manteniment minghand il-konvenut kif spjegat fil-paragrafu*

[2] Fol. 22.

*precedent u sija ghaliex l-istess attrici hija fi kwalunkwe kaz debitrici tal-konvenut f'somma bil-bosta konsiderevoli ghal kwalunkwe lump sum payment li jista jigi lilha akkordat.*

5. *Illi l-eccipjent ma jopponix ruhu ghat-talba numru (vi).*

6. *Illi dwar it-talbiet enumerate (vii), (viii), (ix) u (x), dawn ma jistgux jintlaqghu ghaliex jesorbitaw il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti li m'ghadhiex gurisdizzjoni tittratta u tideciedi materji li jispettaw lil Prim' Awla tal-Qorti Civili.*

7. *Illi l-eccipjent jopponi ruhu ghat-talba (xi) ghaliex l-oggetti kollha mobbli kontenuti fl-imsemmi appartament huma propjeta esklussiva tieghu.*

*Dikjarazzjoni*

*Il-konvenut jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:*

1. *Illi huwa minnu li l-partijiet regghu rrikonciljaw wara s-separazzjoni legali konkluza fit-3 ta' April 2008 izda tai rikonciljazzjoni qatt ma kienet wahda ta' durata permanenti u ta' sikwiet kienu jisseparaw de facto minhabba htijiet imputabbli unikament lill-attrici.*

2. *Illi fil-fatt ghalkemm l-esponent xtaq verament li r-rikonciljazzjoni tirnexxi, minn naha taghha biz-zmien hareg car li l-intenzjoni tal-attrii kienet biss biex tara x'ser tiggwadanja finanzjarjament minn fuq dar l-esponent.*

3. *Illi l-esponent isostni li bl-agir taghha l-attrici tilfet kwalsiasi dritt li tircievi manteniment minghandu u dan apparti l-fatt li meta huma sseparaw, kienu qablu li ma jesigux manteniment minghand xulxin u qablu wkoll li t-termini ta' dik is-separazzjoni ma jinbidlu qatt.*

4. *Illi barra minn hekk waqt ir-rikonciljazzjoni z-zewg partijiet waqghu fil-vizzju tad-droga u xorb u l-esponent spicca li kellu jaghmel kors ta' riabilitazzjoni li ghadu fih sallum u ghalhekk ma ghandu ebda mezzi finanzjarji sabiex ikun jista jhallas xi forma ta' manteniment. Dan jinsab ammess mill-attrici stess fil-paragrafu tnax (12) tar-rikors guramentat.*

5. *Illi ghalkemm huwa minnu li l-appartament numru tlieta (3) fil-blokk 'X fi Triq il-X X, Naxxar huwa ta' propjeta komuni taz-zewg partijiet, l-esponent isostni li, kif gew proposti it-talbiet mill-attrici, din il-Qorti m'ghnadhiex kompetnza li tiddecidihom.*

6. *Illi inoltre l-attrici kienet ammettiet bil-kitba fis-sena 2010 li hi u l-esponent kellhom diversi djun f'ammonti konsiderevoli dovuti lil terzi izda minkejja dan, bosta minn dawn id-djun spiccaw biex thallus mill-esponent jew tramite l-bejgh ta' propjeta immobbli parafernali tal-esponent jew min flus tieghu u hemm xi djun li ghadhom pendenti. Ghalhekk mhux biss irid jigi komputat id-debitu li l-attrici ghandha thallas lill-esponent izda jrid jigi mehud in konsiderazzjoni d-debiti li l-partijiet fadlilhom ihallsu lil terzi.*

7. *Illi dwar l-oggetti u effetti mobbli li hemm fl-appartament numru tlieta (3) fuq imsemmi, dawn jappartjenu kollha u esklussivament lill-esponent.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:[3]

*Dikjarazzjoni*

*Il-konvenut jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:*

1. *Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1994 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem D li ghadu minorenni. Il-partijiet sussegwentament isseparaw legalment b'att notarili datat tlieta (3) ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar John Spiteri.*

2. *Illi wara s-separazzjoni l-partijiet regghu rrikonciljaw izda regghu sseparaw de facto fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2012.*

3. *Illi din ir-rikonciljazzjoni ma komplietx issehh u z-zwieg rega tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici.*

[3] Fol. 24.

4. *Illi minhabba t-tortijiet tal-attrici, hija ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut.*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz l-attrici irrinunzjat ghad-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut fl-att notarili ta' separazzjoni fuq imsemmi u qablet ukoll li t-termini ta' dik is-separazzjoni ma setghux jigu varjati.*

6. *Illi bla pregudizzju l-konvenut minhabba li qieghed jipprova jirriabilita ruhu, jinsab fl-impossibilta fizika li jhallas manteniment sija ghal ibnu minuri u sija lill-attrici li minn naha taghha ghandha l-mezzi u hija kapaci tmantni lilha nnifisha.*

7. *Illi matul ir-rikonciljazzjoni l-partijiet kellhom diversi djun komuni ma terzi li parti minnhom thallus bi propjeta parafernali tal-konvenut u parti minnhom ghadhom pendenti u ghalhekk hemm bzonn li jigi determinat sija l-amont li l-attrici hija debitrici lejn il-konvenut u sija l-ammoont li kull parti fadlilha thallas lil terzi.*

*Raguni tat-Talba*

*Peress illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1994 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem D li ghadu minorenni.*

*Peress illi l-partijiet sussegwentament isseparaw legalment b'att notarili datat tlieta (3) ta' pril 2008 fl-atti tan-Nutar John Spiteri.*

*Peress illi wara s-separazzjoni l-partijiet regghu rrikonciljaw izda regghu sseparaw de facto fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2012.*

*Peress illi din ir-rikonciljazzjoni ma komplietx issehh u z-zwieg rega tkisser irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici.*

*Peress illi minhabba t-tortijiet tal-attrici, hija ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut.*

*Peress illi fi kwalunkwe kaz l-attrici irrinunzjat ghad-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut fl-atti notarili ta' separazzjoni fuq imsemmi u qablet ukoll*

*li t-termini ta' dik is-separazzjoni ma setghux jigu varjati.*

*Peress illi bla pregudizzju l-konvenut minhabba li qieghed jipprova jirriabilita ruhu, jinsab fl-impossibilta fizika li jhallas manteniment sija ghal ibnu minuri u sija lill-attrici li minn naha taghha ghandha l-mezzi u hija kapaci tmantni lilha nnifisha.*

*Peress illi matul ir-rikonciljazzjoni l-partijiet kellhom diversi djun komuni ma terzi li parti minnhom thallus bi proprjeta parafernali tal-konvenut u parti minnhom ghadhom pendenti u ghalhekk hemm bzonn li jigi determinat sija l-ammont li l-attrici hija debitrici lejn il-konvenut u sija l-ammont li kull parti fadlilha thallas lil terzi.*

*Talbiet*

*Tghid ghalhekk l-attrici għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Terga tippronunzja mill-gdid is-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici.*

2. *Tiddikjara li l-attrici mhijiex intitolata tircievi manteniment minghand il-konvenut abbazi tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 3 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar John Spiteri.*

3. *Sussidjarjament tiddikjara li l-attrici ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut.*

4. *Sussidjarjament tiddikjara li l-konvenut qieghed fl-impossibilta fizika li jhallas manteniment lill-attrici ghaliha nnifisha u ghat-tifel minuri,*
5. *Sussidjarjament tiddikjara li l-attrici mhijiex intitolata tircievi manteniment ghaliha nnifisha sija ghaliex ghandha mezzi biex tmantni lilha nnifisha u sija ghaliex hija kapaci tahdem u tmantni lilha nnifisha.*

6. *Tillikwida, occorendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont li l-attrici hija debitrici favur il-konvenut u tikkundannaha thallas lill-konvenut l-ammont hekk likwidat.*

7. *Tillikwida, occorendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont tad-dejn li l-partijiet fadlilhom ihallsu fi kwoti ugwali lil terzi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għal kontrotalba tal-konvenut, fejn ġie eċċepit:[4]

1. *Illi l-ewwel (1) talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-eccipjenti topponi ghat-talba numru (2) limitatament ghall-fatt illi hija m'hix qed titlob manteniment ghaliha nnifisha stante illi hija tahdem bi qliegh izda zzomm ferm it-talba fir-Rikors Guramentat minnha pprezentat ghall-manteniment tal-minuri ibejn il-partijiet D B;*

3. *Illi l-eccipjenti topponi ghat-talba numru tlieta (3) kif dedotta stante illi hija qieghda tirrinunzja ghad-dritt ta' manteniment taghha stante li tahdem bi qliegh;*

4. *Illi l-eccipjenti topponi gjat-talba numru (4) limitatament ghall-manteniment tal-minuri D B;*

5. *Illi l-eccipjenti ma topponix ghat-talba numru hamsa (5);*

6. *Illi t-talbiet enumerate (6) u (7) dawn huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda stante illi l-ebda somma m'hi dovuta mill-eccipjenti lill-konvenut.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet datat 3 ta' April 2008 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri;[5]

---

[4] Fol. 28.
[5] Fol. 5.

Rat in-nota tal-attriċi rigward ir-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-minuri, il-manteniment u l-komunjoni tal-akkwisti;[6]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. ***L-Azzjoni Odjerna:***

Permezz tal-azzjoni odjerna l-partijiet qegħdin jitlobu lil din il-Qorti tiddikjara mill-ġdid il-firda personali tagħhom, hekk kif jirrizulta li l-partijiet kienu diġa' sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr John Spiteri nhar it-3 ta' April 2008, izda sussegwentament għal tali firda l-partijiet kienu rrikonċiljaw, pero' mis-sena 2012 il-partijiet reġgħu sseparaw minn xulxin tant li nbdew il-proċeduri odjerni. Għaldaqstant permezz tat-talbiet kif dedotti, il-partijiet qegħdin jitolbu s-separazzjoni personali u kif ukoll ir-regolizzazzjoni tal-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna, u ċjoe':

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet sabiex l-obbligi tal-għajxien u tal-assistenza naxxenti mir-rikonċiljazzjoni ta' bejn il-partijiet wara l-ewwel separazzjoni legali jiġu dikjarati xolti u terminati;

2. Tiddikjara li l-konvenut ħati għall-firda mill-ġdid tal-partijiet u dan abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[6] Fol. 19.

3. Tiddeċiedi rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri D B, billi tiġi fdata f'idejn l-attriċi, filwaqt li tordna aċċess adegwat għal konvenut mal-minuri;

4. Tiddeċiedi rigward il-manteniment dovut mill-konvenut għall-attriċi nnifisha u kif ukoll għal minuri u dan billi tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess manteniment bħala *lump sum*;

5. Tiddikjara li l-appartament bin-numru 3 ġewwa l-blokka ta' appartamenti bin-numru X bl-isem ta' X, li jinsab fi Triq il-X X Naxxar: (i) m'għadux iservi bħala d-dar matrimonjali, u li (ii) jappartjeni liz-zewġ partijiet f'ishma indaqs;

6. Tiddikjara li l-attriċi għandha d-dritt illi ma tibqax fi stat ta' komproprjetarja mal-intimat fir-rigward tal-fond surreferit u kif ukoll tal-oġġetti mobbli kollha misjuba fl-istess fond;

7. Tiddikjara li l-fond surreferit m'huwiex komodament divizibbli u konsegwenatment tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-istess, filwaqt li taqsam l-oġġetti kollha mobbli li jinsabu fih.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tiegħu l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja mill-ġdid is-separazzjoni personali, u dan għandu jsir billi in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, l-Qorti tiddikjara li l-ħtija għandha tiġi attribwita unikamet lill-attriċi;

2. Tiddikjara li l-attriċi m'għandhiex il-jedd tirċievi manteniment minngħand il-konvenut u dan abbazi ta' dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 3 ta' April 2008 fl-Atti tan-Nutar Dr John Spiteri, u konsegwentament tiddikjara ukoll li l-attriċi ddekadiet mid-dritt li tirċievi manteniment minngħand il-konvenut;

3. Tiddikjara li l-konvenut jinsab fl-ipossibilita' fizika li jħallas manteniment lill-attriċi għaliha nnifisha u kif ukoll għal minuri;

4. Tillikwida l-ammont li l-attriċi hija debitriċi a favur il-konvenut u tikkundannaha tħallas l-imsemmija somma;

5. Tillikwida l-ammont tad-dejn li l-partijiet fadlilhom iħalsu lil terzi fi kwoti ndaqs bejniethom.

Għaldaqstant, il-Qorti rat li minkejja li z-zewġ partijiet iridu l-firda personali mill-ġdid, jezisti disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taz-zwieġ. Madanakollu, qabel mal-Qorti kieku tgħaddi sabiex tagħti l-konsiderazzjonijiet u d-deċizjonijiet tagħha dwar is-separazzjoni personali, ir-responsabbilita' għat-tkissir mill-ġdid taz-zwieġ u l-effetti konsegwenzjali kollha, huwa neċessarju illi *in primis* tikkonsidra u tevalwa l-kwistjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-3 ta' April 2008 u r-rikonċiljazzjoni sussegwenti għall-istess firda.

2. ***Il-Kuntratt ta' Separazzjoni tal-Partijiet tat-3 ta' April 2008 li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr John Spiteri u l-Allegata Rikonċiljazzjoni bejn il-Partijiet:***

Mill-atti jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju illi l-partijiet kienu għazlu li jisseparaw min xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku. Il-Qorti tara li fl-affidavit tagħha, l-attriċi tikkontendi illi, din il-firda personali konsenswali saret *"ghax kien gghelni C peress li huwa kien tal-fehma li meta nergaw imorru lura lejn Wales ahna konna nistghu napplikaw u niehdu l-beneficcji ta' separati izda dawn qatt ma saru ghax jien qatt ma accettajt li napplika ghal beneficcji"*. Madanakollu ta' dan ma tressqet l-ebda prova u *di piu'* il-Qorti tara illi ma jidhirx li l-veraċita' ta' dan il-kuntratt legali qatt ma ġiet attakkata. Għaldaqstant il-kuntratt in kwistjoni huwa validu għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi, u ma hemm l-ebda lok għal din il-Qorti sabiex tiddubita illi dan il-kuntratt sar proprju għaliex *"the said parties premise and declare that their marriage has irretrievably broken down for reasons which suffice at law to justify personal separation"*.[7]

Konsegwentament għall-kuntratt ta' separazzjoni surreferit datat 3 ta' April 2008, ġie allegat miz-zewġ partijiet illi huma rrikonċiljaw. Mill-provi mresqa quddiem

[7] Fol. 5.

din il-Qorti jidher li ma hemmx qbil dwar meta saret l-allegata rikonċiljazzjoni, u dan in vista tal-fatt li:

a. L-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha tikkontendi, *"Illi in segwitu għall-iffirmar tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, il-kontendenti kienu regghu bdew jghammru flimkien ghal xi zmien (ghalkemm issa huma mifrudin)"*,[8]

b. L-attriċi fl-affidavit tagħha tikkontendi ukoll li, *"Minkejja li konna ghamilna l-kuntratt ta' separazzjoni, ahna konna irritornajna bit-tifel lejn Wales flimkien u konna nghixu taht l-istess saqaf u bqajna nghixu bl-istess mod fejn huwa t-tnejn konna nahdmu Wales u niehdu hsieb ghall-bzonnijiet ta' kuljum bhal kera tad-dar u ghejxien"*;[9]

c. Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi resqet ix-xhieda ta' missierha E F,[10] ommha G F,[11] u binha D B;[12]

d. Il-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu jikkontendi, *"Illi huwa minnu li l-partijiet regghu rrikonciljaw wara s-separazzjoni legali konkluza fit-3 ta' April 2008 izda tali rikonciljazzjoni qatt ma kienet wahda ta' durata permanenti u sikwiet kienu jisseparaw de facto minhabba htijiet imputabbli unikament lill-attrici"*;[13]

e. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jikkontendi ukoll illi, *"Gejna lura 2008, ma bqajniex nghixu flimkien u ghamilna separazzjoni bonarja u din saret Malta waqt li konna holiday Malta u meta konna ghadna nghixu Wales. Ergajna tlajna Wales wara li ffirmajna u l-mara riedet tinsel Malta. Jien nzilt Malta fit-2008 ghax hemm it-tifel fin-nofs. Morna nghixu f'maisonette, Malta, flimkien, Waqqajnieh bnejna zewg flats u penthouse u morna nghixu fil-penthouse flimkien. Il-maisonette in-Naxxar. Domna sa 2012 nghixu flimkien meta ddecidejna li nisseparaw. (...) Meta ffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni sa meta gejna Malta, nghid l-ewwel darba kien wara s-separazzjoni u kien meta gejna lura fit-2008 ghamilna seba xhur ma nghixux*

[8] Fol. 2.
[9] Fol. 289.
[10] Fol. 36.
[11] Fol. 35.
[12] Fol. 98.
[13] Fol. 23.

*taht l-istess saqaf. Il-mara regghet giet id-dar u ft-2012 il-mara telqet. Ma nafx ghalxiex telqet il-mara mid-dar, la dawk is-seba xhur u lanqas mit-2012".*[14]

Għaldaqstant jidher li z-zewġ verzjonijiet huma kunfliġġenti. Madanakollu dak li jinteressa lill-Qorti f'dan l-istadju huwa proprju jekk din l-allegata rikonċiljazzjoni seħħitx *o meno*.

*Il-Prinċipju Legali rigward ir-Rikonċiljazzjoni bejn Partijiet:*

Il-bazi legali tar-rikonċiljazzjoni tinsab f'Artikolu 64 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

*"(1) Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ, tal-għajxien flimkien u tal-manteniment. Effetti oħra jistgħu jispiċċaw b'att pubbliku.*

*(2) Iżda, kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħata' att pubbliku".*

In propositu għal dak li tistipula l-liġi ċivili, il-Qrati tagħna kompliet tamplifika dwar il-kunċett ta' rikonċiljazzjoni permezz tal-insenjament tagħha fil-kazistika segwenti:

a. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dolores Zammit vs Gio G Zammit**, deċiza mill-Qorti Ċivili Prim' Awla nhar is-17 ta' Frar 1961, ingħad illi:

*"Illi huwa magħruf li, biex jista' jingħad li saret din ir-rikonċiljazzjoni, hemm bzonn illi l-mizzewġin ikunu jridu, u juru bil-fatt li jridu, jirrikostruwixxu l-ħajja konjugali jirrikomponu dik il-komunanza ta' affetti sentimenti u nteressi, li tikkostitwixxi l-essenza ta' dik il-ħajja (Kollez. XXXII-II-303; XXXVIII-II-520): u għalhekk ma għandux jitqies bħala rikonċiljazzjoni l-fatt tas-sempliċi rijunjoni tal-mizzewġin meta jkun segwit minn dissidji u minn forda oħra. (Kollez. XVIII-II-132: XXXIV-II-533). Iz-zmien li l-mizzewġin ikunu qagħdu flimkien qabel ma reġgħu nfirdu ma għandux importanza deċiziva: għaliex kif josserva Laurent "la legge non prescrive alcuna condizione perche' vi sia riconciliazione; il giudice non puo' dunque decidere che la riconciliazione*

[14] Fol. 304.

*debba avere una certa durata; cio' e aggiungere alla legge, e per conseguenza farla" (Diritto Civile, Vol.III, §209). u dan ukoll huwa l-insenjament ta' Baudry (Persone, Vol. IV. §228). Ta' min jinnota mbagħad illi r-rikonċiljazzjoni, bħala rinunzja ta' drittijiet, ma gandhiex tiġi prezunta; u f'kaz ta' dubju għandha tiġi skartata, jew, fl-agħar ipotesi, għandu jiftiehem li kien hemm biss tentattiv ta' rikonċiljazzjoni (Ricci, Diritto Civile, Vol. I, parte IIa., §46; u Baudry, op. cit., §231);*

*(...)*

*Illi, fil-fehma tal-Qorti iċ-ċirkustanzi fuq miġjuba ma jwasslux għall-invokata rikonċiljazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kontendenti kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom; għaliex jibqa' dejjem li ma kienx hemm zgur intenzjoni serja li jerġgħu jirristabbilixxu l-konvivenza konjugali fil-paċi u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikonċiljazzjoni. Di piu' kif irriteniet il-Qorti tal-Appell ta' Venezja fil-kawza "Ponti contra Obe'", deċiza fis-7 ta' Ottubru 1892, "non si deve dedurre la riconciliazione del semplice fatto del congiungimento carnale frai coniugi dopo presentato il ricorso per separazione, potedo esso interpretarsi anche quale effetto di creduto dovere fino alla pronunzia della separazione, o quale mezzo di evitare mali maggiori minacciati o temuti" (Fadda, Giuris. Cod. Civ. Ital., art. 153, §29). U dan l-insenjament ġie adottat ukoll minn din il-Qorti fil-kawza "Grech utrinque", deċiza fit-28 ta' Ġunju 1954 (inedita)";*

b. Fis-sentenza fl-ismijiet **Loren Tanti vs Anthony Tanti** (221/2004), deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar l-14 ta' Diċembru 2006, ġie ribadit illi:

*"Din l-eccezzjoni ssib il-bazi legali taghha fid-dispost ta' l-Artikolu 64 li jistipula li il-fatt li l-konjugi mifrudin jergghu jghammru flimkien minn rajhom, dan igib mieghu l-ghaqda taghhom mill-gdid. In propositu l-Qorti tosserva li sabiex ikun hemm verament rikonciljazzjoni li twaqqaf l-effetti tas-separazzjoni personali, il-partijiet li jiddecidu jergghu jghammru flimkien iridu jkunu t-tnejn in buona fede, b'mod li jekk parti, biex tevita l-effetti ta' separazzjoni personali jew twaqqaf il-proceduri li jkunu ghaddejjin, tipprometti li tbiddel il-komportament taggha, u tipproponi r-rikonciljazzjoni minghajr l-intenzjoni genwina li fil-fatt ser tinbidel, dan ma jwassalx ghar-rikonciljazzjoni fit-termini ta' l-Artikolu precitat, izda fil-*

*minimu tieghu ghal sitwazzjoni ta' tentattiv ta' rikonciljazzjoni, u fil-massimu tieghu ghal-sitwazzjoni li sehhet minhabba qerq da parti ta' wahda mill-partijiet fil-konfront tal-parti l-ohra, biex tinduci lil parti l-ohra twaqqaf il-proceduri.*

*Jinsab ritenut fil-gurisprudenza li "biex ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin, hemm bzonn li dawn ikunu jridu, u juru bil-fatti li jridu, jikkostruwixxu l-hajja konjugali u jirrikomponu dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u nteressi li jikkostitwixxu l-essenza ta' dik il-hajja; u ghalhekk m' ghandhiex titqies bhala rikonciljazzjoni l-fatt tas-semplici unjoni tal-mizzewwgin, meta jkun segwit minn dissidji u minn firda ohra. Iz-zmien li l-mizzewwgin ikunu qaghdu flimkien qabel ma regghu nfirdu m' ghandux importanza deciziva; u r-rikonciljazzjoni, bhala rinunzja ta' drittijiet m' ghandhiex tigi prezunta. F' kaz ta' dubju ghandha tigi skartata, jew, fl-aghar ipotesi ghandhu jifthiem li kien hemm biss tentattiv ta' rikonciljazzjoni. Xejn ma jiswa' li l-mizzewwgin ikollhom relazzjonijiet intimi fiz-zmien li jkunu regghu marru flimkien, ghaliex jibqa' dejjem li ma jkunx hemm dik l-intenzjoni serja li jergghu jistabilixxu l-konvivienza konjugali fil-paci u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikoncilljazzjoni" [PA[AM] Dolores Zammit vs Gio G Zammit [ deciza 17.02.1961, u vide kasitika citata].*

*Il-fatt tal-koabitazzjoni mhux bizzejjed, imma hemm bzonn li dan il-fatt jigi nterpretat, jigifieri jekk kienx semplici esperiment jew rikonciljazzjoni effettiva. [PA[WH] Salvatore Cascun vs Carmela Cascun deciza 04.04.1946].*

*Fil-kaz in disamina, il-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu jghid: "Fil-fatt minn Awissu 2004 regghet marret lura d-dar u kien hemm diskors illi hija kellha twaqqa' kwalunkwe att gudizzjarju illi kien sar, izda fil-fatt jidher li dan ma sarx." [fol.21]; u fl-affidavit taghha l-attrici tghid hekk: "Meta l-konvenut ra li jiena kont konvinta mid-decizjoni li kont hadt, hu beda jwieghdni li kien ser jibdel l-attitudini tieghu lejja, u kien ser jibda jahdem. Jien hsibt li l-konvenut kien genwin f' diskorsu u ghalhekk f' Awissu 2004 jien irritornajt fid-dar konjugali. Irrizulta pero' li zewgi ma zammx kelmtu u wara ftit taz-zmien rega lura ghal li kien, u ta' xejn ghamilt l-almu tieghi biex nipprova nipperswadih jibdel hajtu. Illi ghalhekk ma flahtx aktar nghix mieghu..." [fol.31]2.*

*Mill-premess il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-weghda li l-konvenut kien ghamel lill-attrici sabiex ibiddel hajtu [fil-konfront] taghha, saret meta hu ra li*

*hi kienet deciza li tkompli bil-proceduri gudizzjarji, u l-weghda li kien ghamel ma kienet xejn aktar hlief manuvra biex hi tiddesisti milli tkompli bil-proceduri. Dan jispjega ghaliex mal-weghda tieghu kien hemm "diskors illi hija kellha twaqqa' kwalunkwe att gudizzjarju" liema weghda ma zammhiex u skond l-attrici rega' gie ghal li kien bir-rizultat li kienet kostretta terga' titlaq mid-dar f' April 2005. Inoltre, il-Qorti tosserva li lanqas l-attrici ma kienet konvinta bil-genwinita' tal-weghda ta' l-attur. Dan jirrizulta manifest mill-fatt li flebda stadju tal-proceduri ma ntalbet sospensjoni ta' l-istess, jew li l-Qorti giet informata li kien hemm transazzjoni, izda l-attrici halliet il-proceduri jkomplu proprju ghax ma kienitx certa mill-genwinita' tal-weghda tal-konvenut. Iz-zmien fil-fatt taha ragun, u l-proceduri tkomplew.*

*F' dawn ic-cirkostanzi, ghandu jirrizulta car li f' dan il-kaz ma kienx hemm rikonciljazzjoni genwina, vera u proprja fit-termini ta' l-Artikolu precitat, u ghalhekk il-koabitazzjoni bejn il-partijiet, volontarja izda temporaneja, fil-mori tal-proceduri mill-lat legali tikkostitwixxi biss tentattiv ta' rikonciljazzjoni u xejn aktar; u ghalhekk ma twassalx ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni.*

*In fine hija opportuna l-osservazzjoni li fl-apprezzament tal-provi f' dan ir-rigward, il-Qorti ghandha tkun kawta u taghti interpretazzjoni logika izda mhux ristrettiva tal-fatti migjuba quddiemha, ghax altrimenti tista' tinholoq sitwazzjoni ngusta li parti li tkun provat issalva z-zwieg taghha billi tati spazju ghal tentattiv ta' rikonciljazzjoni, issib ruhha affaccjata bl-effetti legali tar-rikonciljazzjoni, meta tali rikonciljazzjoni ma tkun qatt avverat ruhha".*

Bħala riassunt ta' dak mgħallem, il-Qorti fid-deċizjoni tagħha sabiex tara jekk fil-kaz in ezami quddiemha kienx hemm verament rikonċiljazzjoni ġenwina, vera u proprja fit-termini tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, din għandha tara li jkunu jissussitsu flimkien is-segwenti rekwiziti:

a. Rieda in *buona fede* da parti z-zewġ partijiet li jaħdmu id f'id sabiex isalvaw iz-zwieġ tagħhom; u,

b. Iz-zewġ partijiet għandhom jippromettu bi sħiħ illi jbiddlu realment dak il-komportament li jkun wassal għat-tkissir taz-zwieġ fl-ewwel istanza, u dan billi jieħdu l-għajnuna neċessarja, anke dik professjonali jekk ikun il-kaz; u,

c. Il-koabitazzjoni taħt l-istess saqaf, fejn il-partijiet jgħixu ħajja konjugali b'komunanza ta' affetti, sentimenti, interessi u kif ukoll intimita' fizika.

Jekk dawn ir-rekwiziti ma jiġux ippruvati konġuntivament għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, din tal-aħħar tkun kostretta illi tara li l-allegata rikonċiljazzjoni tkun sempliċiment tentattiv. Il-Qorti tenfassizza illi jekk wieħed jipprova biss il-koabitazzjoni taz-zewġ partijiet taħt l-istess saqaf, u/jew l-unjoni intima' tagħhom, li jkunu segwiti minn episodji ta' dissidji u firda, tali aġir da parti l-partijiet jkun jikkostitwixxi sempliċi unjoni u mhux rikonċiljazzjoni.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

Fil-kaz odjern il-Qorti tara illi r-rekwiziti surreferiti ma ġewx ppruvati kollha kemm huma għas-sodisfazzjoni tagħha u dan skont kif titlob il-liġi nostrana. Mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi wara li l-partijiet kkuntrattaw is-separazzjoni personali, huma għamlu zmien jikkoabitaw flimkien taħt saqaf wieħed u dan kif ikkonfermat miz-zewġ kontendenti fl-atti pprezentati minnhom u x-xhieda tagħhom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinsab ukoll moralment konvinta li matul il-konvivenza tagħhom flimkien wara s-separazzjoni konsenswali, huma kellhom ukoll relazzjoni intima. Dan tikkonfermah biss l-attriċi fl-affidavit tagħha, filwaqt li li l-konvenut ma nnegax tali allegazzjoni izda saħaq b'mod ġenerali li wara s-separazzjoni huma rrikonċiljaw.

Madanakollu, hekk kif ġie ribadit iktar 'il fuq, dan ma huwiex bizzejjed għal Qorti sabiex tasal għal konkluzjoni li kien hemm rikonċiljazzjoni ġenwina, vera u proprja bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodiċi Ċivili. Mill-atti li għandha quddiemha, il-Qorti waslet għal konkluzjoni illi l-konvenut kellu l-vizzju tad-droga u x-xorb sa minn eta' zgħira, tant li l-attriċi tirrileva fl-affidavit tagħha li hija ltaqgħat miegħu proprju wara li dan kien għadu kif ħareġ minn programm ta' riabilitazzjoni. Barra minn hekk ġie ppruvat ukoll illi l-konvenut huwa persuna ta' demmu spont, idejh ħafifa, jidħol fl-inkwiet u vjolenti. Dan il-karattru tal-konvenut ma tfaċċax proprju wara l-kuntratt ta' separazzjoni, izda kien jezisti qabel u kif ukoll wara. In sostenn ta' dan, il-Qorti tara li ġew ipprezentati diversi dokumenti u xhieda, ċjoe':

a. *Affidavit ta' missier l-attriċi, E F*,[15] fejn issemmi numru ta' istanzi ta' vjolenza da parti l-konvenut, u kif ukoll rakkont dwar it-tendenzi tal-konvenut li jagħmel uzu mill-alkoħol u d-drogi;

b. *Affidavit ta' omm l-attriċi, G F*,[16] li tikkonferma dak kollu li xehed dwaru zewġha;

c. *Ittra ezebita minn E F*,[17] datata 2 ta' Mejju 2010, fejn il-konvenut jagħti garanzija lil missier l-attriċi li mhux ha jagħmel iktar uzu mill-akolħol u drogi;

d. *Affidavit ta' iben il-partijiet, D B*,[18] fejn jagħti rendikont illi huwa dejjem jiftakar iz-zwieġ ta' ommu u misieru bħala wieħed turbolenti, b'missieru dejjem vjolenti fil-konfront ta' ommu, u ħafna mid-drabi dan bħala rizultat tal-vizzju tal-konvenut tax-xorb u d-droga;

e. *Xhieda tal-iSpettur Josric Mifsud*,[19] fejn ipprezenta numru ta' rapporti kontra l-konvenut C B magħmula minn diversi nies fil-perjodu bejn l-2009 u l-2012, u li jagħtu stampa ċara dwar il-karattru vjolenti tal-konvenut;[20]

f. *Xhieda ta' Noel Xerri in rapprezentanza tal-Fondazzjoni Oasi*,[21] fejn iddikjara li l-konvenut kien għamel kuntatt mal-Fondazzjoni fil-25 ta' Mejju 2011 u beda l-programm ta' trattament u kura minħabba *addiction* ta' droga nhar it-13 ta' Ġunju 2011;

g. *Xhieda ta' Jane Cali in rapprezentanza tal-Caritas*,[22] fejn ikkonfermat li saret taf lill-konvenut fis-sena 2009 stante li kellu problema dwar l-abbuz ta' droga;
[23]

h. *Affidavit ta' A B*, fejn tagħti rendikont taz-zwieġ turbolenti li kellha ma' zewġha, l-karattru vjolenti, u l-vizzji li kellu zewġha. Sabiex tikkorrabora

[15] Fol. 36.
[16] Fol. 35.
[17] Fol. 38.
[18] Fol. 98.
[19] Fol. 44.
[20] Fol. 46 – 86.
[21] Fol. 101.
[22] Fol. 145.
[23] Fol. 289.

dan, l-attriċi tipprezenta ukoll: (i) ritratti bi tbeġil f'għajnejha,[24] (ii) ċertifikat maħru mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja Furjana, datat 3 ta' Lulju 1999 dwar ġrieħi li l-attriċi soffriet minn allegata vjolenza pperpetrata minn zewġha,[25] (iii) ċertifikat maħruġ mill-iSptar San Luqa nhar id-9 ta' Jannar 2002 dwar ġrieħi li sofriet.[26]

Fid-dawl tal-provi hawn fuq imsemmija, il-Qorti tinsab konvinta li l-karattru tal-konvenut u kif ukoll il-vizzji tiegħu kienu ta' problema kbira fir-relazzjoni tal-partijiet, u ma hemm l-ebda dubju illi kienu ukoll kaġun għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom stess. Madanakollu, ma jidhirx illi meta l-partijiet għazlu li jirrikonċiljaw iz-zwieġ tagħhom wara s-separazzjoni bonarja, iz-zewġ partijiet kienu *in buona fede*, speċjalment da parti l-konvenut li ma jidhirx li kellu l-intenzjoni ġenwina li jinbidel. Għaldaqstant dan in-nuqqas, zgur mhux forsi, ma jwassalx għar-rikonċiljazzjoni fit-termini tal-artikolu hawn fuq imsemmi, izda fil-minimu tiegħu kien biss tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. Ma ġiex ippruvat bil-fatti illi wara s-separazzjoni konsenswali, il-partijiet għixu ħajja konjugali b'affetti, sentimenti u interessi, izda l-ħajja mizzewġa jidher li baqgħat turbolenti bħal qabel.

Fil-fatt il-Qorti stess tara li l-attriċi tikkontendi illi wara s-separazzjoni "*Ahna konna bqajna bl-istess rutina fejn kien ikun hemm zmien tajjeb u konna nghixu bhala koppja mizzewga u kien ikun hemm zmien li ghalkemm konna nghixu taht l-istess saqaf ma konnix nitkellmu izda minkejja li konna niggieldu, kien xorta jkollna l-hajja ta' intimita sesswali bejnietna anki minkejja li jiena ma kontx inkun komda ghax kif spjegajt jien kont nibza' minnu u kont naf li ma kienx qed jitrattani sew b'rispett kif suppost isir bejn koppja mizzewga. Ghalhekk, tista' tghid li konna ghadna qed nghixu l-hajja mizzewga bid-diffikultajiet li semmejt minkejja li sseparajna permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni*".[27] Min-naħa l-oħra, il-konvenut ikkontenda illi: "*Illi huwa minnu li l-partijiet regghu rrikonciljaw wara s-separazzjoni legali konkluza fit-3 ta' April 2008 izda tali rikonciljazzjoni qatt ma kienet wahda ta' durata permanenti u sikwiet kienu jisseparaw de facto minhabba htijiet imputabbli unikament lill-attrici*".[28] Għaldaqstant, iz-zewġ partijiet jammettu illi r-rikonċiljazzjoni tagħhom wara s-separazzjoni ma kienetx

[24] Fol. 293 – 294.
[25] Fol. 295.
[26] Fol. 296.
[27] Fol. 289.
[28] Fol. 23.

waħda stabbli, izda mimlija ġlied u disgwid, tant li sfat f'firda oħra definittiva. Ma kien hemm l-ebda impenn sabiex jiġi salvat iz-zwieġ anzi għall-kuntrarju kellhom jinbdew il-proċeduri odjerni.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għandu jirrizulta ċar li fil-kaz odjern ma kienx hemm rikonċiljazzjoni ġenwina, vera u proprja ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodiċi Ċivili, u l-koabitazzjoni u r-relazzjoni intima bejn il-partijiet, ssarfu biss bħala tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara illi l-kuntratt ta' separazzjoni għadu japplika sal-prezent u b'hekk ma hemmx lok illi terġa' tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali u li jerġaw jiġu regolarizzati l-effetti konsegwenzjali tal-istess.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tiddisponi minn kull eċċezzjoni mressqa, u konsegwentament tgħaddi sabiex tiċħad kull talba magħmula mill-partijiet fir-rikors ġuramentat u l-kontro-talba, hekk kif fil-prezent għadu *in vigore* l-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-partijiet datat 3 ta' April 2008 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri in vista tal-fatt li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni ġenwina, vera u proprja ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez kollha tal-kawza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.